



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Marzu 2016
(OR. fr)

6501/16

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0032 (NLE)

ACP 34
COAFR 49
CFSP/PESC 154
RELEX 139

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Burundi skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-gruppi tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni
mar-Repubblika tal-Burundi
skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' sħubija
bejn il-membri tal-gruppi tal-Istati Afrikani,
tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda,
u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-gruppi tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000¹ u rivedut f'Ouagadougou, Burkina Faso, fit-22 ta' Ġunju 2010² (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim ta' sħubija AKP-KE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 96 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim intern bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar miżuri li għandhom jittieħdu u proċeduri li għandhom ikunu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE³, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, bi qbil mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

² ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3.

³ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 376.

Billi:

- (1) L-elementi essenzjali tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE, imsemmija fl-Artikolu 9 tiegħu, ma ġewx rispettati mir-Repubblika tal-Burundi.
- (2) Skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE, inbdew konsultazzjonijiet fit-8 ta' Diċembru 2015 mar-Repubblika tal-Burundi, fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Grupp ta' Stati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, inklużi l-Unjoni Afrikana, il-Komunità tal-Afrika tal-Lvant u n-Nazzjonijiet Uniti.
- (3) Fl-okkażjoni ta' dawn il-konsultazzjonijiet, ir-rappreżentanti tal-gvern tal-Burundi ppreżentaw proposti ta' impenji. Dawn il-proposti ta' impenji huma meqjusa mhux sodisfaċenti.
- (4) Jinhtiegħ konsegwentement li jingħalqu l-konsultazzjonijiet li nbdew abbażi tal-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE u li jiġu adottati miżuri xierqa għall-eżekuzzjoni ta' dawk l-impenji,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'dan jingħalqu l-konsultazzjonijiet mibdija mar-Repubblika tal-Burundi skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE.

Artikolu 2

Il-miżuri speċifikati fl-ittra li tinsab fl-Anness għandhom jiġu adottati bħala miżuri xierqa skont l-Artikolu 96(2)(c) tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tiġi rieżaminata regolarment mill-anqas kull sitt xhur, preferibbilment abbażi tal-missjonijiet ta' segwitu tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, bl-assoċjazzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNES

Abbozz ta' ittra

Sur President tar-Repubblika,

L-Unjoni Ewropea tqis li għadd ta' elementi essenzjali msemija fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-gruppi tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim ta' sħubija AKP-KE") ma ġewx rispettati mir-Repubblika tal-Burundi. Hija esprimiet għal diversi drabi, b'mod partikolari waqt id-djalogu intensifikat skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE, it-tħassib tagħha dwar in-nuqqas ta' rispett ta' ċerti prinċipji dwar id-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt.

Huwa għalhekk li l-Unjoni Ewropea bdiet konsultazzjonijiet mal-gvern tal-Burundi skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE, sabiex teżamina dan it-tħassib u l-mezzi kif tirrimedja għalih.

Wara li l-gvern tal-Burundi laqa' l-istedina tal-Unjoni Ewropea, il-konsultazzjonijiet bdew fit-8 ta' Diċembru 2015 fi Brussell.

Matul il-laqgħa, il-partijiet iddiskutew il-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat ritorn rapidu għar-rispett tal-prinċipji u l-valuri demokratiċi, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt abbażi tal-elementi essenzjali tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE u tal-prinċipji msemija fil-Ftehimiet ta' Arusha. Id-diskussjoni u l-iskambji kienu jikkonċernaw disa' oqsma li dwarhom l-Unjoni Ewropea kienet qed tistenna impenji speċifiċi u konkreti mill-gvern tal-Burundi.

L-Unjoni Ewropea ħadet nota tar-risposti min-naħa tal-Burundi matul il-konsultazzjonijiet, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda:

- il-ftuħ mill-ġdid tal-*media* privati u r-risoluzzjoni tat-tilwim dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-istampa;
- il-libertà tal-eżerċizzju tal-professjoni ta' ġurnalist;
- il-libertà u s-sigurtà tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;
- il-ġestjoni tal-kawżi ġudizzjarji li jinsabu għaddejjin skont l-impenji mitluba fid-djalogu intensifikat skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE;
- is-sitwazzjoni tal-priġunieri arrestati waqt dimostrazzjonijiet;
- l-inkjesti li għandhom isiru dwar l-allegazzjonijiet ta' tortura u ta' eżekuzzjonijiet *extra-ġudizzjarji*;
- iż-żamma, b'koordinazzjoni mal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant u mal-Unjoni Afrikana, jew ma' medjaturi internazzjonali oħra, ta' djalogu bejn il-partijiet tal-Burundi li jippermetti r-ritorn għall-prinċipji demokratiċi;
- id-diżarm u ż-żarmar, bl-appoġġ ta' osservaturi internazzjonali, ta' kull organizzazzjoni armata għajr il-pulizija nazzjonali u l-forzi tad-difiża;
- l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ħruġ mill-kriżi skont skeda li trid tiġi stabbilita.

Fil-konklużjonijiet tagħha fit-tmiem tal-konsultazzjonijiet, l-Unjoni Ewropea ħadet nota tal-impenn espress mill-gvern tal-Burundi sabiex jipprovdi kjarifiki u jaċċellera ċerti proċeduri ġudizzjarji. Madankollu, l-Unjoni Ewropea fl-istess ħin ħadet nota tal-fatt li t-tweġibiet mogħtija mir-rappreżentanti tal-gvern tal-Burundi ma jippermettux li jinstab rimedju globali għan-nuqqasijiet fl-elementi essenzjali tas-sħubija tagħha mar-Repubblika tal-Burundi u lanqas ma jingħata rispons sodisfaċenti għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Paċi u tas-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana tas-17 ta' Ottubru u tat-13 ta' Novembru tal-2015.

Għaldaqstant, min-naħa Ewropea ġie deċiż li l-konsultazzjonijiet jieqfu u li jiġu adottati miżuri xierqa skont l-Artikolu 96(2)(c) tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE.

Ir-ritorn għar-rispett tal-elementi essenzjali tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE jkun akkumpanjat min-normalizzazzjoni progressiva tal-kooperazzjoni. L-Anness li jikkonċerna l-iskeda tal-impenji jispeċifika l-impenji mistennija, organizzati f'erba' oqsma prinċipali li se jkunu vvalutati b'mod parallel, u l-miżuri xierqa skont il-progress innotat. Għandek tinnota li qed nippjanaw li nirvedu u naġġustaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-finanzjament u l-ħlas tal-appoġġ tagħna għall-kontinġent tal-Burundi involut fil-Missjoni AMISOM (iffinanzjat mill-FEŻ fil-qafas tal-Faċilità ta' sostenn għall-paċi għall-Afrika) f'konsultazzjoni mal-Unjoni Afrikana.

L-Unjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li timmodifika dawn il-miżuri skont l-iżviluppi fis-sitwazzjoni politika u fl-implimentazzjoni tal-impenji.

Fil-qafas tal-proċedura taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE, l-Unjoni Ewropea se tkompli ssegwi mill-viċin is-sitwazzjoni fil-Burundi matul il-perjodu ta' validità tad-Deċiżjoni taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE. Matul dan il-perjodu se jinżamm djalogu mal-gvern tal-Burundi sabiex jiġi meġġjun il-proċess ta' ritorn lejn ir-rispett tal-elementi essenzjali tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE. L-Unjoni Ewropea se twettaq analiżi regolari tas-sitwazzjoni, l-ewwel waħda minnhom fi żmien sitt xhur. Id-Deċiżjoni taħt l-Artikolu 96 tista' tiġi riveduta mill-Kunsill skont l-iżviluppi fis-sitwazzjoni u skont l-implementazzjoni jew le tal-impenji.

Nassigurak, Sur President tar-Repubblika, mill-ikbar stima li għandi lejki.,

Għall-Kunsill

Għall-Kummissjoni

F. MOGHERINI

N. MIMICA

President

Kummissarju

Anness I:

Skeda tal-impenji

Impenji tal-gvern tal-Burundi	Miżuri xierqa tal-Unjoni Ewropea
<u>Nugqas ta' impenn</u> (sitwazzjoni nnutata fil-mument tal-għeluq tal-konsultazzjonijiet taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE): l-elementi essenzjali tal-Ftehim ta' sħubija AKP-KE, imsemmija fl-Artikolu 9 tiegħu, (i) id-drittijiet tal-bniedem, (ii) il-prinċipji tad-demokrazija u (iii) l-istat tad-dritt, mhumiex qed jiġu rispettati.	L-Unjoni Ewropea¹ tkompli bl-appoġġ tagħha għall-popolazzjoni tal-Burundi. Hija se tkompli tiffinanzja l-kuntratti li qed jiġu esegwiti flimkien ma' azzjonijiet ta' urġenza, b'appoġġ dirett għall-popolazzjonijiet u s-soċjetà ċivili, fir-rigward tal-ġlieda kontra l-faqar u l-aċċess għas-servizzi bażiċi. F'dan ir-rigward, żewġ programmi ta' emerġenza (l-aċċess għall-kura tas-saħħa - EUR 40 000 000 - u l-alimentazzjoni/l-iżvilupp rurali - EUR 15 000 000 - se jkunu ppreżentati lill-korpi deċiżjonali tal-Unjoni Ewropea għall-approvazzjoni. Huwa mistenni li l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti tkun fdata lil organizzazzjonijiet mhux governattivi u/jew aġenziji internazzjonali. Il-miżuri umanitarji (inkluż l-appoġġ għar-refuġjati) se jkomplu jiġu implimentati abbażi tal-ħtiġijiet li jirriżultaw u soġġett għal aċċess għall-popolazzjonijiet. Min-naħa l-oħra, l-appoġġ finanzjarju jew il-ħlasijiet ta' fondi (inkluż l-appoġġ baġitarju) għall-benefiċċju dirett tal-amministrazzjoni jew l-istituzzjonijiet tal-Burundi huma sospiżi. Il-kondizzjonijiet tal-finanzjament u t-termini ta' ħlas ta' kumpens lill-persunal militari tal-Burundi li jieħu sehem fil-missjoni AMISOM, u s-sehem imħallas lill-gvern tal-Burundi għall-ispejjeż ta' qabel l-istazzjonament (iffinanzjat mill-FEŻ bħala parti mill-Faċilità ta' sostenn għall-paċi għall-Afrika), se jiġu rieżaminati u aġġustati b'konsultazzjoni mal-Unjoni Afrikana. Irrispettivament minn kif jiġu implimentati, il-programmi u l-finanzjamenti li jgħinu l-integrazzjoni reġjonali mhumiex koperti minn dawn il-miżuri.

¹ Inkluż il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI).

Impenji tal-gvern tal-Burundi	Miżuri xierqa tal-Unjoni Ewropea
Oqsma li fihom huma mistennija impenji mill-gvern tal-Burundi u indikaturi li jikkorrispondu ma' dawn. Dawn l-oqsma, u l-indikaturi li jikkorrispondu magħhom, se jkunu evalwati b'mod globali, skont il-progress tagħhom. <u>1/ Ftehim politiku dwar pjan għall-ħruġ mill-kriżi</u> <u>Impenji mistennija</u> 1.1: Parteċipazzjoni, b'koordinazzjoni mal-EAC u l-UA jew medjaturi internazzjonali oħra, fi djalogu li jippermetti r-ritorn għall-prinċipji demokratiċi Indikatur: - Iż-żamma effettiva ta' djalogu politiku inklużiv - li jiġbor flimkien l-elementi kollha tal-ħajja politika fit-termini stabbiliti permezz tal-medjazzjoni internazzjonali u fir-rispett ta' din id-Deċiżjoni, li twassal għal pjan ta' ħruġ mill-kriżi jew kwalunkwe soluzzjoni kunsenswali u paċifika għall-kriżi b'rispett tal-Ftehim ta' Arusha li jergħu jiġu stabbiliti l-istat tad-dritt u governanza inklużiva.	Minbarra l-programmi li qed jiġu implimentati jew identifikati, il-bilanċ mhux impenjat tal-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) huwa ta' EUR 322 000 000¹. Dawn il-fondi jibqgħu disponibbli għall-Burundi u jistgħu jiġu mobilizzati skont il-progress li jiġi osservat fl-implimentazzjoni tal-impenji. Abbażi tal-valutazzjoni tal-progress u tal-impenji magħmula mill-gvern tal-Burundi fl-erba' oqsma (paċifikazzjoni, trattament tal-kwistjonijiet ġudizzjarji, djalogu politiku u implimentazzjoni ta' pjan għall-ħruġ mill-kriżi), il-miżuri xierqa se jittieħdu progressivament skont il-passi li ġejjin: 1/ Skont il-progress pożittiv li jiġi osservat, minbarra t-tkomplija tal-għajnuna diretta lill-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli, impenji finanzjarji favur it-tisħiħ tal-kapaċità tal-amministrazzjoni u l-istituzzjonijiet se jiġu kkunsidrati mis-servizzi kompetenti tal-Unjoni Ewropea fuq bażi ta' każ b'każ skont l-urġenza u r-rilevanza tagħhom. 2/ F'każ ta' progress aktar sinifikanti, l-Unjoni Ewropea se tivvaluta l-kwistjoni tal-ħlas tal-aħħar porzjon tal-appoġġ tal-baġit tal-10 programm tal-FEŻ (massimu ta' EUR 11 500 000). L-adozzjoni tal-proġetti (minbarra l-appoġġ baġitarju) oriġinarjament ippjanati għall-2015 tista' tinbeda mill-ġdid.

¹ EUR 55 miljun mill-Programm Indikattiv Nazzjonali tal-11-il FEŻ diġà ġew impenjati fl-2014 u ż-żewġ proġetti ta' emerġenza favur il-popolazzjoni li qegħdin jitħejjew se jkunu wkoll bħala ammont totali EUR 55 miljun.

Impenji tal-gvern tal-Burundi	Miżuri xierqa tal-Unjoni Ewropea
1.2: Tkomplija tad-diżarm bl-appoġġ ta' osservaturi internazzjonali; huma biss il-pulizija nazzjonali u l-forzi tad-difiża li jiżguraw missjonijiet ta' żamma tal-ordni pubbliku fir-rispett tal-istat tad-dritt. Indikatur: - Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill għall-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana fil-qasam tad-diżarm (speċjalment id-deċiżjoni tat-13 ta' Ġunju 2015 dwar l-istazzjonament ta' esperti militari) u r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (b'mod partikolari tat-12 ta' Novembru 2015) jiġu implimentati;	3/ Sabiex jitħejja u jiġi appoġġat il-pjan ta' ħruġ mill-kriżi, implimentazzjoni aktar sħiħa tal-miżuri tippermetti l-bidu mill-ġdid tal-komponent tal-governanza tal-Programm Indikattiv Nazzjonali (PIN) tal-11-il FEŻ u tal-Programm ta' Appoġġ Baġitarju tal-11-il FEŻ. Għalhekk, il-programm previst għall-2016 fis-settur tal-enerġija jerġa' jinbeda wkoll. 4/ Fl-aħħar nett, l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha tippermetti l-implimentazzjoni mingħajr limitazzjoni tal-programmi u l-finanzjamenti kollha tal-Unjoni Ewropea allokat lill-Burundi taħt il-PIN tal-11-il FEŻ (EUR 432 000 000).
<u>2/ Miżuri ta' paċifikazzjoni u ta' ftuħ tal-ispazju politiku</u> <u>Impenji mistennija</u> 2.1: Il-ftuħ mill-ġdid tal-media privati u r-riżoluzzjoni tat-tilwim dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-istampa Indikatur: - L-istazzjonijiet tar-radju u t-televiżjoni indipendenti jxandru fit-territorju kollu, sabiex ikun żgurat il-pluraliżmu tal-informazzjoni. 2.2: Il-libertà tal-eżerċitar tal-professjoni ta' ġurnalist f'sigurtà sħiħa Indikatur: - Azzjonijiet konkreti kontra l-intimidazzjoni fil-konfront tal-ġurnalisti - Miżuri investigattivi fir-rigward tal-prosekuzzjoni tal-awturi ta' vjolenza kontra ġurnalisti; is-sitwazzjoni tal-ġurnalisti tiġi ttrattata f'konformità mal-liġi tal-istampa u fir-rispett tal-libertà tal-espressjoni.	

Impenji tal-gvern tal-Burundi	Miżuri xierqa tal-Unjoni Ewropea
2.3: Il-libertà u s-sigurtà tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem Indikatur: - Kanċellazzjoni tad-digriet tat-23 ta' Novembru 2015 li jissospendi l-attivitajiet ta' xi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; tiegħaf l-intimidazzjoni kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.	
3/ <u>Miżuri marbuta mal-kwistjonijiet ġudizzjarji</u> <u>Impenji mistennija</u> 3.1: Indirizzar tal-kawżi ġudizzjarji li jinsabu għaddejjin, fosthom dawk imqajma fid-djalogu intensifikat taħt l-Artikolu 8 Indikatur: - Iż-żamma tal-udjenzi ta' appell fil-proċedimenti kkonċernati (MSD, F. BAMVUGINYUMVIRA, L. NGENDAKUMANA) fir-rispett tar-regoli u fir-rispett tad-drittijiet tad-difiża. 3.2: It-trattament tal-każijiet tal-priġunieri marbuta mad-dimostrazzjonijiet u mal-inċidenti tas-sigurtà li seħħew wara skont il-kodiċi penali tal-Burundi u skont regoli internazzjonali. Indikatur: - Produzzjoni tad-dokumenti ġuridiċi li jiċċertifikaw li nħelsu d-dimostranti li ma wettqux atti ta' vjolenza u li tneħħew il-mandati ta' arrest kontra tagħhom fejn hemm tali mandati. Dehra quddiem magħstrat tad-dimostranti kollha li għad iridu jiġu pproċessati, fl-iskadenzi legali, u f'konformità mal-liġijiet tal-Burundi, fosthom l-istandards internazzjonali rratifikati mill-Burundi fil-qasam tad-dritt għal proċess ġust.	

Impenji tal-gvern tal-Burundi	Miżuri xierqa tal-Unjoni Ewropea
3.3: Isiru investigazzjonijiet dwar l-allegazzjonijiet ta' torturi u eżekuzzjonijiet <i>extra-ġudizzjarji</i> u jingħata segwitu għall-konklużjonijiet. Indikatur: - Publikazzjoni ta' rapporti ta' investigazzjonijiet kredibbli imwettqa bil-parteċipazzjoni ta' esperti internazzjonali dwar il-każijiet allegati kollha ta' torturi, vjolenza sesswali, għajbien u eżekuzzjonijiet <i>extra-ġudizzjarji</i>, u l-adozzjoni ta' miżuri kontra persuni responsabbli ta' tali atti.	
<u>4/ Implimentazzjoni tal-pjan għall-ħruġ mill-kriżi</u> <u>Impenn mistenni</u> L-implimentazzjoni tal-pjan għall-ħruġ mill-kriżi skont l-iskeda miftiehma Il-konklużjonijiet tal-medjazzjoni internazzjonali u l-pjan ta' ħruġ mill-kriżi jitwettqu skont l-iskeda u t-termini previsti minn dan il-pjan.	